MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 261/2006/1

**W & D Magro Co. Ltd**

**vs**

**Acma Inox and Metal Limited**

**Il-Qorti,**

Fl-24 ta’ April, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ tlett elef, erba’ mija erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (€3494.06), ekwivalenti ghal Lm1,500 dovuti mis-socjeta’ konvenuta in kwantu ghal servizzi rezi mis-socjeta’ attrici lis-socjeta` konvenuta u dana fuq rikjesta tas-socjeta’ konvenuta stess.

L-imsemmija somma dovuta giet ridotta ghal Lm1,500 minn Lm1,557.60 ghall-finijiet ta' kompetenza.

In rigward ta' liema somma ma sarx hlas mill-konvenuta u dan minkejja bosta interpellazzjonijiet.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta` l-ittra legali, tal-mandat ta' sekwestru numru 618/06 ipprezentat fit-13 ta' Marzu, 2006, dawk ta` l-ittra ufficcjali wara sekwestru pprezentata kontestwalment ma` dana l-att u bl-imghaxijiet kummercjali sa fejn hu possibbli skond l-avviz legali 233 ta` l-2005, liema imghaxijiet huma dekoribbli minn meta gew rezi s-servizzi kontra l-konvenuta minn issa ngunta in subizzjoni.

Ra r-risposta sollevata mis-socjeta' konvenuta fejn intqal illi t-talbiet attrici qed jigu kkontestati. Li l-azzjoni attrici hija ntempestiva stante illi s-socjeta' konvenuta baqghet qatt ma rceviet *'breakdown'* ta` l-ammont, pretiz mill-istess socjeta' attrici u dana minkejja li obbligat ruhha taghmel dan. Minghajr pregudizzju ghall-premess u fi kwalunkwe' kaz it-talbiet attrici ma humiex reali u huma ezagerati.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Ghaldaqstant, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici.

Ra li giet ipprezentata kontro- talba fejn gie mitlub mis-socjeta' attrici li thallas is-somma ta` erba` mija, disgha u tmenin Ewro u sbatax-il centezmu (€489.17) ekwivalenti ghal Lm210, rapprezentanti danni sofferti mis-socjeta' konvenuta b'konsegwenza ta` l-agir ta` l-istess socjeta' attrici kif ser jirriserva waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittri interpellatorji datati 15 ta’ Settembru, 2005 u 23 ta’ Novembru, 2005.

Ra r-risposta ghal kontro talba mis-socjeta` attrici rikonvenzjonata fejn issollevat illi it-talbiet tal-konvenuta huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta’ attrici m’hijiex il-legittimu kuntradittur u in kwantu tali ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju. Bla pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta’ attrici ma hija responsabbli ghal ebda danni versu l-konvenuta anke ghaliex jekk kien hemm xi danni subiti mill-konvenuta, dawn kienu ghal kollox awto inflitti. Bla pregudizzju ghas-suespost u fi kwalunkwe’ kaz, it-talba tas-socjeta’ konvenuta hija preskritta ai termini ta` l-artiklu 2153 tal-Kap. XVI.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri meta u jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

Ra d-dokumenti ezebiti fl-atti tal-kawza.

Sema` u ra x-xhieda u affidavits ta’ Mario Attard, Diane Magro Delia, Dunstan Magro, Claudia Zammit, Sandra Bonnici u Marvin Spagnol.

Ra n-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidra

Illi din il-kawza titratta dwar hlas ta’ somma ghall-servizzi ta’ ‘*Accounts’* u *‘Auditing’* rezi lis-socjeta’ konvenuta, liema talba giet michuda stante l-intempestivita’ tal-kawza stante illi s-socjeta’ konvenuta baqghet ma rcevietx *‘breakdown’* ta’ l-ammonti pretizi mis-socjeta’ attrici u li t-talbiet fi kwalunkwe’ kaz huma ezagerati. L-istess socjeta’ konvenuta resqet kontro- talba fejn talbet is-somma ta’ Lm210 ta’ dak iz-zmien rapprezentanti danni sofferti kawza ta’ l-agir ta’ l-istess socjeta’

attrici. Il-kontro- talba giet michuda mis-socjeta' attrici rikonvenzjonata.

Mill-provi dokumentali jidher illi l-*'invoices'* epprezentati u cioe' 212/004, 225/2004, 106/2005, 105/2005, 234/2005, 235/2005 u 236/2005 jammontaw ghat-talba. Dawn l-'*invoices'* gew sostanzjati bit-'*time sheet'* epprezentata mis-socjeta' attrici. Din it-'*time sheet'* hija kkunsidrata mis-socjeta' attrici bhala l-'*breakdown'* ta' l-invoices. Is-socjeta' konvenuta ma taqbilx illi din hija *breakdown* ta' l-ammonti izda hija kkunsidrata bhala '*time sheet' per se*`. L-ewwel '*invoice'* datata 29 ta' Settembru, 2004 immarkata bhala '*invoice'* 212/04 hija ghax-xogholijiet kollha maghmula mis-socjeta' attrici fix-xahar ta' Settembru, 2004. Qabel din l-'*invoice'* jidhru serje ta' '*invoices'* li ma jifformawx parti mit-talba odjerna. Jidher illi l-'*invoice'* immarkata qabel 212/04 a fol. 41 immarkat bhala Dok. R u cioe' 154/2004 datata 1 ta' Settembru, 2004 ghax-xogholijiet maghmula qabel din id-data mill-istess socjeta' attrici . Fit-'*time sheet'* epprezentata mis-socjeta' attrici hemm indikat dati u hinijiet li huma koperti b'serje ta' *'invoices'.* Ghal fini ta` l-ezitu ta' din il-kawza t-Tribunal ha jiehu in konsiderazzjoni l-ahhar seba' '*invoices*' elenkati *fit-'time sheet'* mis-socjeta' attrici u li ghalihom hemm is-sieghat korrispondenti.

Ghalhekk it-Tribunal ha jiehu in konsiderazzjoni is-sieghat maghmula mis-socjeta' attrici mit-2 ta' Settembru, 2004 'l quddiem. Jidher mit-'*time sheet'* epprezentata illi ghax-xahar ta' Settembru, 2004 gie logjat xoghol ghas-socjeta' attrici fit-28 ta' Settembru, 2004 biss u dina hija d-data li t-Tribunal ha jiehu ghal kalkolu tal-hinijiet imnizzla mis-socjeta' attrici u li huma pertinenti ghat-talba in kwistjoni. B'kollox jidher illi nhadmu approssimament sitta u tletin (63) siegha minn Settembru 'l quddiem precizament mit-28 ta' Settembru, 2004 'l quddiem. Illi ghalkemm it-talba

hija ghal 276 siegha u 41 minuta ta’ xoghol fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta dawn is-sieghat kollha jmorru lura ghall-‘*invoices’* bejn 26/04/02 sa l-01/09/04 li huma elaborati fit-‘*time sheet’* u li per konsegwenza m’ghandhomx jiffurmaw parti minn din it-talba, dejjem skond ix-xhieda attrici, ghaliex il-hlasijiet ma bdewx isiru minn Settembru ta` l-2004 ‘l quddiem.

It-Tribunal huwa konvint minn banda wahda li s-socjeta’ attrici holqot konfuzjoni meta damet sabiex tohrog il-kontijiet ghas-servizzi rezi lis-socjeta’ konvenuta u minn banda l-ohra li s-socjeta’ konvenuta kienet qed tbati minn ‘*mismanagement’* shih fid-dipartiment tal-kontabilita’ taghha u li kellha tistrieh fuq l-ghajnuna tas-socjeta’ attrici tant illi kienet tiddependi fuq is-socjeta’ attrici. It-Tribunal huwa konvint li wara li telaq certu Rinaldo mill-impieg mas-socjeta’ konvenuta, id-dipartiment tal-‘*Accounts’* fi hdan is-socjeta’ konvenuta safa mitluf. It-Tribunal huwa tal-fehma illi s-socjeta’ attrici hatfet l-opportunita’ tad-disorganizzazzjoni ezistenti fis-socjeta’ konvenuta u ghalkemm huwa konvint illi s-socjeta’ attrici ghamlet hilitha sabiex tghin is-socjeta’ konvenuta fl-‘*accountancy procedures’* kif ukoll permezz ta’ servizzi ohra li kellu x’jaqsam ma` kontabilita’ hija ma kienetx cara mas-socjeta’ konvenuta rigward kontijiet u l-hlasijiet.

Jekk wiehed jara d-dettal fl-‘*invoices’* ezebiti jara illi dawn gew koperti fit-‘*time sheets’* mit-28 ta’ Settembru, 2008 ‘l quddiem. Illi skond ix-xhieda tas-socjeta’ attrici t-tariffi li huma jiccargjaw ghax-xoghol li jkunu ghamlu lill-klijenti jvarja skond it-tip ta’ xoghol rikjest. Illi it-tariffa ghal ‘*meetings’* kellhom jkunu differenti mit-tariffi ghal pariri telefonici. Izda t-Tribunal jinnota illi ghalkemm intqal illi kellhom rati diversi, huma qatt ma pproducew dawn ir-rati bhala prova.

Jidher illi huma ghamlu talba in generali u kkalkolaw is-sieghat li kienu ddedikaw lis-socjeta' konvenuta, minghajr ma ndikaw kif wasslu ghal tali ammonti.

Fic-cirkostanzi tal-provi migjuba quddiemu, t-Tribunal ha jkollu japplika r-rati '*arbitrio boni viri'* billi jiddividi l-ammont mitlub bis-sieghat kollha mitluba mis-socjeta' attrici u cioe' il-mitejn, sebgha u sittin siegha ta' servizzi rezi. Izda dawn is-servizzi jkopru medda ta' zmien mit-18 ta' Frar, 2002 sat-2 ta' Awissu, 2005. It-Tribunal huwa konvint illi kif fil-fatt gie spjegat il-problemi nqalghu mill-invoice 212/04 'l quddiem. Ghalhekk skond il-provi dawk l-'*invoices'* qabel it-28 ta' Settembru, 2004 gew issettiljati. Is-socjeta' konvenuta qatt ma qablet ma` l-kontijiet mibghuta u talbet *'breakdown'* ta` l-ammont mitlub. Minflok is-socjeta' attrici ghazlet li tipprezenta '*time sheet'* li tmur lura sa l-2002. Is-socjeta' konvenuta dehrilha illi ma kellhiex thallas qabel ma tircievi rendikont dettaljat u ma kienetx sodisfatta *bit-'time sheet'*.

Skond is-socjeta' attrici ir-rendikont dettaljat kien jinsab *fit-'time sheet'* ipprezentat. Izda peress illi s-socjeta' attrici naqset milli taghti r-rati li tuza ghas-servizzi moghtija minnha, t-Tribunal ha jkollu jiddividi s-sieghat mitluba mill-ammont tat-talba sabiex ikollu rata fis-siegha. Ghaldaqstant, fuq kalkolu semplici jidher illi meta s-somma li talbet originarjament qabel ma giet ridotta s-somma mitluba ta' Lm1,500 hija diviza bl-ammont ta' sieghat u 276 siegha u 41 minuta huwa diviz, s-socjeta' attrici kellha tithallas Lm5.65 fis-siegha ghas-servizzi rezi.

Illi huwa minnu li l-partijiet ma ftehmux rata ghas-servizzi li kellhom jigu pprovduti izda dawn ir-rati qatt ma gew prodotti lanqas quddiem dan it-Tribunal. Inghad biss mill-partijiet illi r-rati kienu differenti. Illi ghalkemm is-socjeta' attrici xehedet

illi certu servizz jigi kkalkolat skond ix-xoghol li jinvolvi, fl-istess hin huma pprezentaw *'time sheet'* b'kalkolu ta' hinijiet. It-Tribunal jaqbel mas-socjeta' konvenuta meta ntqal illi s-socjeta' attrici ma kienetx ipprovdiet '*breakdown'* ta' l-ammonti izda *'kontijiet'* ibbazati fuq '*time sheet'*. It-Tribunal huwa konxju ukoll mill-fatt illi s-socjeta' konvenuta naqset meta ma ftehimtx ir-rati minn qabel.

Is-socjeta' konvenuta qatt ma nnegat illi kellha taghti lis-socjeta' konvenuta ghal servizzi rezi lilha izda hija dejjem ikkontestat il-'*kwantum'* illi fil-fehma tas-socjeta' konvenuta kienet wahda ezagerata.

Ghalhekk it-Tribunal ha jkollu jiehu triq wahda u jiggudika din il-kawza a bazi ta` l-evidenza migjuba quddiemu, evidenza li holqot iktar dubji milli certezzi u tiddeciedi l-kaz a bazi ta' l-ekwita' u gustizzja kif ukoll tibqa' dejjem fuq il-binarju tal-ligi. Illi huwa minnu illi mat-'*time sheet'* ipprezentata hemm lista ta' '*invoices* 'maghmula minn Dunstan Magro u minn socjeta` msejha W & D Magro Financial Services Limited li m'ghandhomx ikunu parti minn din il-kawza. It-Tribunal ihoss illi s-somma ghas-servizzi bis-siegha ghalkemm huwa kkalkolat bil-Lm5.65 ma jidhirlux illi hija rata ekwa u gusta u ghalhekk ha jassenja '*arbitrio boni viri'* s-somma ta' Lm12 fis-siegha ghas-servizzi rezi minn Settembru, 2004 'l quddiem.

Illi rigward il-kontro- talba, t-Tribunal huwa tal-fehma illi dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ssollevata jidher illi s-socjeta' konvenuta kienet naqset milli taghti xi informazzjonijiet rikjesti mis-socjeta' attrici u li s-socjeta' attrici kienet qed tistenna xi informazzjonijiet anke minn terzi. Illi ghaldaqstant, ghalkemm il-penalitajiet u multi jikkoncernaw perjodi ta' zmien meta s-socjeta' attrici kienet qed toffri s-servizz taghha, l-istess socjeta' attrici m'ghandhiex tidhol responsabbli ghal penalitajiet u multi msemmija fil-kontro talba

meta l-istess penalitajiet u multi ma rrizultawx minhabba nuqqasijiet da parti mis-socjeta' attrici izda minhabba nuqqasijiet tas-socjeta' konvenuta u terzi. Skond il-provi tas-socjeta' attrici is-socjeta' konvenuta kienet dizorganizzata u bla esperjenza u ghalkemm it-Tribunal japprezza illi hafna xoghol ma setax jigi konkluz fil-hin, minn naha tas-socjeta' attrici din ma kopritx lill-klijenti taghha li kien dmir taghha li taghmel. Illi ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal ihoss illi kien hemm nuqqasijiet da parti miz-zewg partijiet, izda s-socjeta' attrici m'ghandhiex tkun mizmuma responsabbli ghal penalitajiet u multi mposti fuq is-socjeta' konvenuta. Jekk kemm-il darba is-socjeta' konvenuta ghandha xi ilmenti dwar l-agir tas-socjeta' attrici fil-qadi ta' dmirijietha fil-konfront taghha setghet twassal l-ilment taghha gewwa '*forum'* iehor.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi t-Tribunal ha jirrespingi il-kontro talba.

Illi fi kwalunkwe' kaz fil-fehma tat-Tribunal l-eccezjoni tas-socjeta' attrici rikonvenzjonata ghandha tigi milqugha peress illi l-azzjoni tal-preskrizzjoni '*ai termini'* ta` l-artiklu 2153 tal-Kap. 16 hija applikabbli peress illi ghaddew iktar minn sentejn bejn meta gew allegatament inkorsi l-penalitajiet u l-multi u d-data tal-prezentata tal-kontro talba.

It-Tribunal, fic-cirkostanzi jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' it-talba attrici f'somma ridotta u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas fis-somma ta' €1761 ( elf seba' mija sitt mija u wiehed Euro) eskluz il-VAT bir-rata ta' 18% fis-somma ta €316.98 total ta' elfejn, sebgha u sebghin Ewro u tmienja u disghin (€2077.98) (ekwivalenti ghal Lm892.08), fil-waqt illi jichad il-kontro talba. Bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza sa l-pagament effettiv.

Spejjez a karigu taz-zewg partijiet.**”**

Is-socjeta` attrici appellat minn din is-sentenza biex titlob il-modifikazzjoni taghha fis-sens illi din tigi kkonfermata f'dik il-parti taghha fejn it-Tribunal cahad il-kontro-talba u varjata in kwantu ghall-ammont likwidat mit-Tribunal fil-kaz tat-talba taghha. Din id-domanda taghha lil din il-Qorti hi bazata fuq dawn l-aggravji, koncizament riprodotti:-

(1) It-Tribunal ibbaza l-kalkolu fuq assunzjonijiet zbaljati meta ha in konsiderazzjoni dawk is-sighat biss tal-prestazzjonijiet professjonali taghha minn Settembru 2004 'l quddiem;

(2) Is-socjeta` appellata ammettiet id-debitu reklamat fl-intier tieghu. Dan permezz ta' ittra datata 9 ta' Awissu, 2005 esebita a fol. 14 tal-process;

(3) L-imghaxijiet dovuti ma kellhomx jigu stabbiliti mid-data tas-sentenza;

(4) L-ispejjez tal-kawza ma kellhomx jigu spartiti bil-mod prefiss mit-Tribunal;

Ghal dawn l-ilmenti s-socjeta` konvenuta wiegbet illi dwar il-mertu tat-talba attrici d-decizjoni appellata hi wahda gustifikata. Mhux l-istess pero` fil-kaz tal-kontro-talba proposta minnha. Bl-appell incidentali taghha hi tikkuntesta l-gudizzju tat-Tribunal bl-argoment illi d-danni subiti minnha f'multi u penalitajiet imposti fuqha mill-Awtoritajiet kienu r-rizultat ta' inadempjenza da parti tas-socjeta` attrici. B'aggravju sekondarju tissottometti illi l-ispejjez gudizzjarji kellhom, invece, jkunu a karigu tas-socjeta` attrici;

L-ewwel riflessjoni li l-Qorti jidhrilha opportun li ssir hi wahda generali u tirrigwarda l-esposizzjoni tal-motivazzjoni fis-sentenza attakkata miz-zewg kontendenti. Fil-hsieb ta' din il-Qorti d-decizjoni mhix ghal kollox

intelligibbli meta wiehed jaghmel raffront bejn ir-raguni tad-decizjoni u r-rizultanzi probatorji. Kumplessivament, jista’ jinghad li tezisti fiha deficjenza objettiva tal-kriterju logiku li wassal lil gudikatur ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu fuq aspetti sostanzjali tat-talba tas-socjeta` attrici. Komplimentari ma’ dan, hu riskontrat ukoll fiha vizzju ta’ kontradizzjoni in kwantu jirrizulta li certu ragonament imqieghed ghab-bazi tad-decizjoni fuq it-talba rikonvenzjonali hu wiehed sostanzjalment kontrastanti, kif hekk ukoll irrilevat is-socjeta` konvenuta bl-appell incidentali taghha;

Ibda biex it-Tribunal jommetti milli jipprovvdi spjegazzjoni plawsibbli u konvincenti ghaliex ma kellux jiehu in konsiderazzjoni fuq it-talba attrici l-provi offerti minn din riferibilment ghal kreditu vantat minnha u rizultanti ghal perijodu ta’ zmien anterjuri ghas-sena 2004. Huwa llimita ruhu ghar-rimarka generika illi s-socjeta` attrici holqot konfuzjoni meta damet biex tohrog il-kontijiet. Dan nonostante illi kellha wkoll spjegazzjoni ghaliex sar hekk. Ara Affidavit ta’ Dunstan Magro a fol. 56. Ukoll, irid jigi osservat illi lanqas ma hi attendibbli d-deduzzjoni tat-Tribunal fejn, fuq l-ispigolar minnu ta’ l-ahhar seba’ fatturi indikati fit-Time Sheet (fol. 41), jafferma illi dawk l-ohra “m’ghandhomx jifformaw parti mit-talba, dejjem skond ix-xhieda attrici, ghaliex il-hlasijiet ma bdewx isiru minn Settembru ta’ l-2004 ‘l quddiem”. Fuq l-ezami akkurat minn din il-Qorti tal-materjal probatorju din, bir-rispett dovut, mhix hlief asserzjoni gratuwita hafna;

Ir-rizultanzi istruttorji tnehhi xi rizervi senjalati mix-xhud Marvin Spagnol fl-Affidavit tieghu (fol. 67) juru illi l-kontestazzjoni primarja tas-socjeta` konvenuta kienet tirpoza fuq il-konsiderazzjoni illi s-socjeta` attrici ma kienet issuplit ebda *breakdown* ta’ kull *item* fatturat u ma kienet indikat ebda rata ghal prestazzjonijiet minnha esegwiti. Fil-kumpless, imbaghad, li l-ammont pretiz bit-talba kien

esagerat.  Minn imkien mill-provi ma jidher li gie pprovat u wisq anqas determinat, xi hlasijiet kienet ghamlet is-socjeta` konvenuta ghal prestazzjonijiet anterjuri ghas-sena 2004 biex ikun jista' jigi sodisfacentement dedott illi l-hlas dwarhom kien gie konkludentement saldat.  Prova bhal din kienet certament taggrava fuq is-socjeta` konvenuta;

Maghdud dan, in tema ta' dritt huwa evidenti illi r-rapport krejat bejn iz-zewg kumpaniji hu wiehed dixxiplinat mill-fattispeci tal-kuntratt tal-*locatio operis* kif definit fl-Artikolu 1623 tal-Kodici Civili.  Una volta hemm qbil illi l-partijiet ma kienux preventivament iffissaw il-kumpens li talvolta kellu jithallas mis-socjeta` wahda lill-ohra ghas-servizzi prestati, l-Artikolu 1624, Kodici Civili kien jissupplixxi ghal dan in-nuqqas billi jipprovdi certi kriterji preferenzjali u gerarkici ghal-likwidazzjoni tar-retribuzzjoni dovuta, ossija "jew b'ligi jew b'uzu, jew meqjus mill-qorti fuq stima ta' periti, jew ukoll minghajr din l-istima, skond ic-cirkustanzi". Taht dan l-aspett huwa ben car illi l-funzjoni li l-ligi takkorda lill-Qorti ghal skop ta' fissazzjoni tal-kumpens hi dik ta' arbitratur;

Fil-kaz prezenti, in mankanza ta' prova dwar xi ligi tariffarja jew dik ta' l-uzu, u fin-nuqqas ukoll ta' stima ta' espert in materja, dak il-kumpens kellu necessarjament jigi stabbilit mit-Tribunal bis-setgha diskrezzjonali lilu affidata u fil-limiti tac-cirkustanzi tal-kaz.  Hekk ukoll jidher li ghamel it-Tribunal fil-fattispeci, anke jekk din il-Qorti ma tikkonkordax mieghu fl-adozzjoni limitativa tas-sieghat tal-prestazzjonijiet;

Kif gja inghad, fid-determinazzjoni tal-kumpens il-gudikant mhux vinkolat minn parametri precizi u jista' wkoll japplika kemm mizura fissa jew wahda varjabbli skond in-natura tal-prestazzjoni u c-cirkustanzi tal-kaz konkret.  Bil-konoxxenza tad-dettalji kif rafigurati fit-Time Sheets hi l-fehma ta' din il-Qorti illi ghan-numru tas-sighat totali indikati fihom (276) ghandha tapplika *ex aequo et bono*

rata fissa ta’ erba’ liri (Lm4) jew disa’ euro u tnejn u tletin centezmu (€9.32) ghal kull siegha. Li jfisser, somma komplessiva ta’ elf mija u erba’ liri (Lm1104) jew elfejn hames mija wiehed u sebghin euro tlieta u sittin centezmu (€2571.63). F’dan is-sens il-Qorti qed tvarja l-ammont komputat mit-Tribunal, bl-aggunta illi fuq is-somma issa likwidata ghandu jizdied il-VAT ta’ tmintax fil-mija (18%);

Naturalment is-socjeta` attrici appellanti m’ghandhiex ragun fl-ilment taghha dwar l-imghaxijiet ghaliex, sakemm ma saretx il-likwidazzjoni tal-kumpens mit-Tribunal fis-sentenza appellata s-socjeta` konvenuta ma kienetx f’qaghda li tkun taf kemm kien l-ammont, realment u effettivament, dovut minnha. Ma jistax, imbaghad, lanqas jisfuggi lil din il-Qorti, anke fuq il-bazi tal-komputazzjoni taghha, illi tezisti differenza apprezzevoli bejn it-talba tas-socjeta` attrici u l-ammont li s-socjeta` konvenuta qed tigi kkundannata li thallas. Taht din l-ottika ma jistax ragonevolment jinghad illi l-ammont reklamat kien cert u likwidu izda pjuttost wiehed *de liquidarsi*, u, allura, kif stabbilit minn zmien antik, tnehhi certi kazi specifici u eccezzjonali, ghandha tghodd il-massima *in illiquidis non fit mora*. L-aggravju b’dan il-motiv ghaldaqstant mhux gustifikat;

Kwantu ghall-ilment fl-appell principali dwar l-ispejjez gudizzjarji dan ser jigi kkunsidrat unitament ma’ dak tas-socjeta` konvenuta wara li tiddisponi mill-ewwel aggravju taghha bl-appell incidentali;

Ma jezisti ebda dubju illi in linea generali fl-adempiment ta’ l-obbligazzjonijiet tieghu kull prestatur ta’ servizzi, sija professjonali jew mhux, hu tenut josserva l-obbligu ta’ dik id-diligenza tal-*bonus paterfamilias* dwar liema jipprovdi l-Artikolu 1132 (1) tal-Kodici Civili. F’tema ta’ piz ta’ provi l-prestatur tas-servizz ghandu b’mod generali jipprova li hu espleta l-inkarigu lilu moghti jew minnu prestat. Jispetta, invece, ir-recipjent ta’ dan is-servizz – f’dan il-kaz is-socjeta` konvenuta – li jipprova li ssubixxa dannu u li dan

hu l-konsegwenza ta’ kondotta negligenti da parti tal-prestatur;

Fuq il-provi kif valutati minnha f’dan il-kaz din il-Qorti ma tirravviza ebda ommissjoni da parti tas-socjeta` attrici ta’ dan l-obbligu. Il-multi jew penalitajiet inflitti fuq is-socjeta` konvenuta mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni jew mill-Malta Financial Services Authority ma humiex korrelati ma’ xi mgieba negligenti jew prestazzjoni zbaljata ta’ natura teknika-finanzjarja mis-socjeta` attrici. Jidher, pjuttost, illi dawn ‘l hekk kwalifikati “danni” jinzlu minn nuqqasijiet tas-socjeta` konvenuta nnifisha ghan-non-kuranza jew ritard minnha li fiz-zmien statutorju utli tibghat skond il-ligi l-formuli specifici lill-imsemmija Awtoritajiet. In meritu din il-Qorti ghandha wkoll il-konfort tax-xhud Diane Magro Delia fl-Affidavit taghha a fol. 19. In vista ta’ dan konsiderat l-aggravju fuq il-punt qed jitqies insostenibbli;

Kwantu ghall-aggravju taz-zewg kontendenti fuq il-kap ta’ l-ispejjez din il-Qorti thoss li t-Tribunal kien messu applika r-regola sana li tirrifletti r-rebh u t-telf bl-azzjoni deciza. Innegabilment, hu bil-wisq gust u xieraq illi s-socjeta` konvenuta kellha titghabba bl-ispejjez tal-kawza relattiva ghal kontro-talba proposta minnha li giet michuda mentri dawk tat-talba principali kellhom jigu sopportati fil-proporzjoni tar-rebh u t-telf. Il-Qorti thoss li ghandha tirrimedja ghal dan fil-provvediment infraskritt fil-parti decizjorja ta’ din is-sentenza.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ in parte l-appell principali tas-socjeta` attrici mis-sentenza tat-Tribunal billi tillikwida l-ammont dovut lil din fuq it-talba taghha fis-somma ta’ elf mija u erba’ liri Maltin (Lm1104) ekwivalenti ghal elfejn hames mija wiehed u sebghin euro u tlieta u sittin centezmu (€2571.63). Fuq din is-somma s-socjeta` konvenuta qed tigi wkoll ikkundannata thallas l-imghaxijiet mid-data ta’ l-ewwel sentenza kif ukoll il-VAT ta’ tmintax fil-mija (18%). Minn naha l-ohra l-Qorti tichad ghal kollox l-ewwel motiv ta’ aggravju sottomess lilha bl-appell

incidentali mis-socjeta` konvenuta. Riferibilment ghal kap ta’ l-ispejjez dawn ghandhom jigu sopportati kif gej. Dawk relattivi ghall-ewwel istanza ghandhom jigu sopportati kwantu ghat-talba tas-socjeta` attrici fil-proporzjon ta’ kwarta parti (1/4) mill-istess socjeta` attrici u tliet kwarti (3/4) mis-socjeta` konvenuta; mentri dawk relattivi ghal kontro-talba interament mis-socjeta` konvenuta. Xieraq li l-ispejjez ta’ dan l-appell jigu sopportati kwantu ghall-appell principali fl-istess proporzjoni ta’ kwart mis-socjeta` attrici u tliet kwarti mis-socjeta` konvenuta. Dawk ta’ l-appell incidentali jibqghu a karigu tas-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------